TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/32/20/S

Michealangelo Zerafa
Vs
Motors Inc. Ltd.

Illum 22 t'Ottubru,2020.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michaelangelo Zerafa pprezentata fis-17 ta'Frar,2020 filwaqt li s-socjeta Motors Inc. Ltd baqghet ma pprezentatx risposta;

Ra d-dokumenti varji pprezentati kif ukoll sema' x-xhieda prodotti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegat hsara f'rota tal-vettura tar-rikorrenti. Jinghad mal-ewwel li fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal, l-avukat tas-socjeta intimata informa lill-istess Tribunal li l-ammont mitlub fl-avviz kien inbaghat bil-posta lir-rikorrent;

Illi waqt it-tieni seduta li kienet intenzjonata biex issir il-probabbli cessjoni, ir-rikorrent ikkonferma li kien ircieva l-hlas ta' mitt ewro kif kien talab fl-avviz izda stqarr li hu dovut is-somma ulterjuri ta' €108.02 minghand is-socjeta intimata;

Illi din kienet l-ewwel darba li r-rikorrent ghamel tali talba li ma kinitx riflessa fit-talba originali tieghu u lanqas semmiha fl-ewwel seduta mizmuma quddiem dan it-Tribunal;

Illi din it-talba gdida tar-rikorrent mhijiex gustifikata bl-ebda mod u f'dan l-istadju ma jistax jaghmel tibdil sostanzjali fit-talba originali tieghu;

Illi konsegwentement, dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jiddikjara l-procediment ta' dan il-kaz bhala ezawrit u dan wara li l-ammont mitlub minn Michaelangelo Zerafa fit-talba originali tieghu giet imhallsa mis-socjeta Motors Inc.Ltd. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru